# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 3 ta' Settembru, 2024.**

**Numru 10**

**Rikors numru 3/21/2 FDP**

**Sensa Ltd (C-24999)**

**v.**

**Kummissarju tat-Taxxi**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-kumpanija Sensa Limited minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-13 ta' Marzu, 2024, fejn din ċaħdet it-talbiet kollha tagħha sabiex jiġi mħassar l-Avviż ta' Talba għall-Ħlas maħruġ fil-25 ta' Ottubru, 2018 mill-Kummissarju tat-Taxxi taħt l-**Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa**.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tal-4 ta' Jannar, 2021, il-kumpanija attriċi Sensa Limited fissret li hija rċeviet ittra uffiċjali tal-25 ta' Novembru, 2020, fejn fiha hija ġiet mitluba sabiex tħallas lill-Kummissarju tat-Taxxi s-somma sħiħa ta' €35,849, kif imfisser f'Avviż ta' Talba għall-Ħlas maħruġ fil-25 ta' Ottubru, 2018, li ġie mehmuż mal-imsemmija ittra uffiċjali. Din is-somma ta' €35,849 kienet maqsuma hekk: (i) €12,814 bħala taxxa fuq id-dħul jew taxxa proviżorja mis-snin 2000 sa 2017; (ii) €15,508 bħala taxxa addizzjonali; u (iii) €7,527 bħala interessi.

3. Il-kumpanija attriċi tgħid li hija ġiet mgħarrfa illi din l-ittra uffiċjali ġiet mibgħuta lilha skont l-**Artikolu 40 tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa** u dan sabiex il-Kummissarju tat-Taxxi jkun jista' jissokta għall-eżekuzzjoni tat-titlu li qiegħed jgħid li għandu kontriha. Madankollu, il-kumpanija attriċi sostniet li l-ammonti mitluba mill-Kummissarju tat-Taxxi għal bejn is-snin 2000 sa 2015 ma jistgħux jinġabru minnu: (i) minħabba li l-Kummissarju tat-Taxxi naqas milli jieħu azzjoni fil-konfront tagħha fi żmien tmien snin minn meta dawn is-somom kienu dovuti skont l-**Artikolu 47(2) tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa**; u (ii) minħabba li l-Kummissarju tat-Taxxi naqas milli joħroġ stima fi żmien ħames snin skont l-**Artikolu 31(6) tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa**.

4. Barra minn hekk, il-kumpanija attriċi saħqet li l-ammonti miltuba mill-Kummissarju tat-Taxxi ġew imsejsa fuq konsiderazzjonijiet jew kalkoli żbaljati.

5. Minħabba f'hekk, il-kumpanija attriċi fetħet din il-kawża u talbet lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

*«(i) prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna tħassar u tirrevoka l-Avviż ta' Talba għall-Ħlas tal-25 ta' Ottubru 2018 u dan għar-raġunijiet premessi fil-qosor f'dana ir-rikors jew dak li jista' jirriżulta waqt is-smigħ tal-kawża; u*

*(ii) tiddikjara illi l-flejjes pretiżi mill-Kummissarju tat-Taxxi ai termini tal-ittra uffiċjali numru 4040/2020 rappreżentanti taxxa, taxxa addizzjonali u interessi mis-sena 2000 sas-2015 jew liema minnhom huma perenti u/jew mhux dovuti ai termini tal-Liġi.*

*Bl-ispejjeż u b'riżerva ta' kull azzjoni ulterjuri spettanti skont il-liġi.»*

6. Il-Kummissarju konvenut ressaq it-tweġiba maħlufa tiegħu fis-17 ta' Frar, 2021, fejn qal hekk:

*«1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari, l-esponent Kummissarju tat-Taxxi ilu jgawdi titolu eżekuttiv fuq l-ammont pretiż a tenur tal-**Artikolu 40 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa [Kap. 372 tal-Liġijiet ta' Malta]** sa mill-2018 u għalhekk, illum m'għadx hemm rimedju skont il-liġi;*

*2. Illi fil-25 ta' Ottubru 2018 l-esponent ħareġ 'Avviż ta' Talba għall-Ħlas' (esibit mar-Rikors Promotur bħala 'Dok. A') a tenur tal-**Artikolu 44(2A)(ċ) tal-istess Att**, liema 'Avviż' ġie validament notifikat lis-Soċjetà attriċi fit-8 ta' Novembru 2018 (kif jidher mid-dokument hawn anness u mmarkat bħala 'Dok KT1'). Tali 'Avviż' seta' jiġi kkuntestat f'Qorti tal-Ġustizzja fi żmien ħmistax-il ġurnata mid-data tan-notifika u ladarba dan ma sarx fil-perjodu stipulat, l-esponent ottjenja titolu eżekuttiv. Għalhekk, l-azzjoni odjerna tal-4 ta' Jannar 2021, hija nulla u bla effett inkwantu saret fuori termine u l-ittra uffiċjali numru 4040/2020, esibita mar-Rikors Promotur bħala 'Dok. A', inħarġet mill-esponent sempliċement sabiex huwa jkun jista' jeżegwixxi t-titlu eżekuttiv vantat minnu sa mill-2018;*

*3. Illi wkoll in linea preliminari u mingħajr preġudizzju għas-suespost l-ammonti reklamati f'tali ittra mhumiex preskritti u lanqas nulli inkwantu l-esponent ħa l-azzjoni meħtieġa entro t-termini stipulati fl-**Atti dwar it-***

***Taxxi [Kap. 123 u 372 tal-Liġijiet ta' Malta]****;*

*4. Illi fil-mertu, l-allegazzjonijiet u t-talbiet tar-rikorrenti huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet segwenti li qegħdin hawn jiġu elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:*

*5. Illi l-fatti tal-każ huma s-seġwenti:*

*5.1. Illi fil-25 ta' Ottubru 2018 l-esponent Kummissarju pproċeda bil-ħruġ ta' 'Avviż ta' Talba għall-Ħlas' (anness mar-Rikors Promotur bħala 'Dok. A') skont l-****Artikolu 44(2A)(ċ) tal-Kap. 327*** *tramite liema, interpellaha tħallas is-somma ħamsa u tletin elf, tmien mija, disgħa u erbgħin ewro (€35,849), rappreżentanti taxxa, taxxa addizzjonali u interessi, fi żmien ħmistax-il ġurnata mid-data tan-notifika;*

*5.2. Illi għas-snin ta' stima 2000, 2001 u 2002 is-Soċjetà Sensa Limited, bin-numru ta' reġistrazzjoni C 24999, naqset milli tibgħat il-formoli tat-taxxa tagħha skont il-liġi, u minkejja diversi interpellazzjonijiet, hija baqgħet inadempjenti; Għalhekk, fl-2010 l-esponent Kummissarju tat-Taxxi ħareġ tliet stimi (assessments) fil-konfront tagħha abbażi tal-****artikolu 31(5) tal-Kap. 372*** *liema stimi, illum huma finali u konklussivi a tenur tal-****Artikolu 38 tal-istess Att****;*

*5.3. Illi fir-rigward tas-snin ta' stima 2003 sal-2015, is-Soċjetà attriċi għamlet id-dikjarazzjonijiet tagħha tramite l-formoli tat-taxxa biss f'Lulju tal-2016 u fil-preżent, għad baqa' pendenti ammont ta' taxxa u mgħax oltre taxxa addizzjonali abbinata ma' nuqqas ta' dikjarazzjonijiet magħmula fil-ħin;*

*5.4. Illi fir-rigward tas-snin ta' stima 2016 u 2017, is-Soċjetà attriċi għadha ma ppreżentatx d-dikjarazzjonijiet ta' dħul tagħha u għalhekk inħarġu stimi (estimations) a tenur tal-****Artikolu 31(3) tal-Kap. 372****. Dawn l-istimi jistgħu jiġu faċilment aġġustati kemm-il darba s-Soċjetà Sensa Limited tibgħat il-formoli tat-taxxa għal dawk is-snin sabiex tiddikjara d-dħul tagħha kif obbligata tagħmel skont il-liġi;*

*5.5. Illi għalkemm l-'Avviż' hawn fuq imsemmi ġie notifikat lis-Soċjetà attriċi fit-8 ta' Novembru 2018 (kif jidher mid-dokument hawn anness u mmarkat bħala 'Dok KT1') hija baqgħet inadempjenti u għalhekk, wara l-iskadenza ta' ħmistax-il ġurnata mid-data tan-notifika l-esponent ottjena titolu eżekuttiv a tenur tal-artikolu 40 tal-Kap. 372;*

*5.6. Illi fil-25 ta' Novembru 2020, l-esponent ħareġ l-Ittra Uffiċjali bin-numru 4040/2020 sabiex jirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv ottenut minnu f'Novembru tal-2018 u informah li jekk il-ħlas ma jsirx huwa kien ser jipproċedi b'mandati eżekuttivi;*

*5.7. Illi fl-4 ta' Jannar 2021, is-Soċjetà attriċi intavolat l-azzjoni odjerna mingħajr ma indikat l-bażi legali li fuqha qed issir tali azzjoni;*

*6. Illi għall-kuntrarju ta' dak li qed jiġi allegat, il-Kummissarju tat-Taxxi ħa azzjoni entro ż-żmien stipulat fil-liġi;*

*A. Illi is-****Sub-artikoli 2*** *u* ***3 tal-Artikolu 47 tal-Kap. 372*** *jgħidu illi:*

*«(2) Salv kif xort'oħra espressament provdut fl-Atti dwar it-Taxxi u salvi b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 30(5) u tal-artikolu 31(7), l-azzjoni għall-ħlas tat-taxxa, taxxa addizzjonali, imgħax jew xi penali tista' tinbeda f'kull żmien **mid-data minn meta jsiru dovuti u għandhom jitħallsu sa tmien snin minn dik id-data jew, meta tkun saret stima għar-rigward tagħhom, mid-data meta dik l-istima ssir finali u konklużiva**.*

*(3) Iż-żmien imsemmi fis-subartikolu (2) **jitwaqqaf b'talba għal ħlas** notifikata permezz tal-posta reġistrata mill-Kummissarju jew b'att ġudizzjarju preżentat mill-Kummissarju qabel ma jiskadi dak iż-żmien li fihom jintalab il-ħlas tal-ammont dovut» (enfasi tal-esponent);*

*Illi jsegwi li l-esponent Kummissarju beda l-proċess tal-ġbir entro t-terminu ta' tmien snin prekritt mil-liġi inkwantu, b'referenza għas-snin ta' stima 2000, 2001 u 2002, l-istimi (assessments) maħruġa mill-esponent Kummissarju saru finali u konklussivi fl-2010 u l-'Avviż ta' Talba għall-Ħlas' ġie notifikat lis-Soċjetà attriċi f'Novembru tal-2018 u ċjoè entro t-terminu ta' tmien snin preskritt mil-liġi; U b'referenza għas-snin ta' stima 2003 sal-2015 id-dħul ġie ddikjarat u t-taxxa ġiet dovuta f'Lulju tal-2016 u l-'Avviż' hawn fuq imsemmi ġie notifikat fl-2018 u ċjoè ferm qabel iddekkorra l-perjodu ta' tmien snin prekritt mil-liġi.*

*Illi b'referenza għas-snin ta' stima 2016 u 2017, is-Soċjetà attriċi għad għandha l-obbliġu li tagħmel id-dikjarazzjonijiet tagħha billi tibgħat il-formoli tat-taxxa;*

*B. Illi is-**Sub-artikolu 6 tal-Artikolu 31 tal-Kap. 372** jgħid illi:*

*«Stima jew stimi addizzjonali għal xi sena ta' stima taħt is-subartikolu (5) għandha ssir jew għandhom isiru mhux iktar kmieni miż-żmien preskritt taħt l-artikolu 10(1) sabiex jintbagħat il-prospett tal-income għal dik is-sena **u mhux iktar tard minn ħames snin minn tmiem is-sena li fiha kien intbagħat prospett tal-income jew prospett ulterjuri għal dik is-sena jew li fiha tkun saret għażla taħt l-artikolu 12 għal dik is-sena**.» (Enfasi tal-esponent);*

*Illi jiġi ribadit li b'referenza għas-snin ta' stima 2003 sa 2015 is-Soċjetà attriċi bagħtet il-prospetti tal-dħul tagħha **biss** f'Lulju tal-2016 u effettivament, l-esponent Kummissarju għadu fiċ-ċans li jagħmel tali stima (assessment);*

*7. Illi għalhekk, l-ammonti reklamati mill-esponent Kummissarju huma ammonti ċerti, likwidi u dovuti u ġaladarba l-esponenti għandu favur tiegħu l-kreditu inkwistjoni, kif spjegat aktar 'il fuq, ma jista' jsir l-ebda sindikar f'dan l-istadju. Isegwi li t-talbiet kollha tas-Soċjetà attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u fi kwalunkwe każ, illum m'għad hemm l-ebda rimedju skont il-liġi inkwantu l-'Avviż ta' Talba għal Ħlas' tal-2018 m'għadux jista' jiġi attakkat;*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Għaldaqstant, u in vista tas-suespost, l-esponent Kummissarju umilment jitolbu li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha ta' tas-Soċjetà Sensa Limited (C 24999), bl-ispejjeż.»*

7. B'sentenza mogħtija fit-13 ta' Marzu, 2024, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qatgħet il-kawża billi ċaħdet it-talbiet kollha tal-kumpanija attriċi bl-ispejjeż kontriha, għar-raġunijiet li fissrithom hekk:

*«Jirriżulta, mill-atti ppreżentati quddiem dina l-Qorti, illi permezz ta' Ittra Uffiċjali datata 25 ta' Novembru 2020, is-soċjetà Sensa Limited, ġiet interpellata mill-Kummissarju tat-Taxxi, sabiex tħallas is-somma ta' €35,849 bħala taxxa u taxxa addizzjonali mifruxa fuq perjodu ta' sbatax-il sena bejn is-snin 2000 sa 2017 (fol 4).*

*Jirriżulta wkoll illi, fil-25 ta' Ottubru 2018, il-Kummissarju tat-Taxxi bagħat Avviż ta' Talba għall-Ħlas a tenur tal-Artikolu 44 (2A) (c) tal-Kap 372, fejn ġiet interpellata tħallas dan l-ammont fi żmien ħmistax-il ġurnata. (fol 5)*

*Jirriżulta illi r-rappreżentant tas-soċjetà rikorrenti, Wallace Fino, fix-xhieda tiegħu mogħtija fis-6 ta' Lulju 2022, l-ewwel jikkonferma illi huwa rċieva tali dokument, u sussegwentement, mistoqsi mill-ġdid mill-avukat tiegħu, ikkontenda illi huwa qatt ma rċieva tali dokument, iżda rċieva biss l-Ittra Uffiċjali illi ntbagħtet lilu fil-25 ta' Novembru 2020.*

*Jirriżulta illi l-Kummissarju tat-Taxxi esibixxa, bħala prova tan-notifika tal-Ittra datata 25 ta' Ottubru 2018, dokument maħruġ mill-Maltapost fejn tindika illi l-Ittra Reġistrata bin-numru RR409903318MT kienet notifikata fit-8 ta' Novembru 2018.*

*Jirriżulta, madankollu, illi r-rappreżentant tas-soċjetà Maltapost plc, meta xehdet quddiem dina l-Qorti fid-29 ta' Novembru 2022, filwaqt illi kkonfermat illi jirriżultalha li l-Ittra ġiet notifikata, ma kinetx f'pożizzjoni illi tindika min attwalment iffirma għal tali Ittra Reġistrata, u dana billi wara sitt xhur ma jżommux aktar informazzjoni minħabba f'Data Protection.*

***Ikkunsidrat***

*Jirriżulta illi l-bażi tal-kawża odjerna hija l-Avviż għat-Talba għall-Ħlas datata 25 ta' Ottubru 2018, illi biha l-Kummissarju tat-Taxxi għarraf lis-soċjetà Sensa Limited illi kellha tħallas taxxa għas-sbatax-il sena bejn 2000 u 2017.*

*Is-soċjetà rikorrenti tikkontendi illi tali Avviż għandu jiġi mħassar u revokat, peress illi qiegħda titlob għall-ħlas ta' taxxi għas-snin 2000 sa 2015, meta dawna huma milquta bil-perjodu preskrittiv, peress illi stima ma tistax tintbagħat sa aktar tard minn ħames snin mis-sena stima, u dana skont l-**Artikolu 31 (6) tal-Kap 372**, filwaqt illi kwalsiasi azzjoni għal ġbir ta' taxxa tista' ssir sa' tmien snin wara l-ħruġ tal-istima, u dana skont l-**Artikolu 47 (2) tal-Kap 372**.*

*Il-Kummissarju tat-Taxxi, da parte tiegħu, jikkontendi, illi s-soċjetà rikorrenti ma kellha ebda jedd illi tikkontesta kemm l-Avviż maħruġ u*

*mibgħut fil-25 ta' Ottubru 2018 kif ukoll l-Ittra Uffiċjali datata 25 ta' Novembru 2020, peress illi, a tenur tal-**Artikolu 44 (2A) (c) tal-Kap 372**, is-soċjetà Sensa Limited kellha tletin jum min-notifika sabiex tikkontesta dak mitlub fl-Avviż, u ladarba tali kontestazzjoni ma saritx, dak ifisser illi s-soċjetà rikorrenti ma kellha ebda mod sabiex tikkontesta dak dikjarat mill-Kummissarju.*

***Ikkunsidrat***

*Il-Qorti hawnhekk tosserva illi jeħtieg illi tqis l-**Artikolu 44 (2A) (c) tal-Kap 372**, u dak hemm stipulat, fejn din tgħid is-segwenti:*

> *«Il-Kummissarju għandu jinnotifika avviż ta' talba lill-persuna li minnha hi dovuta xi taxxa u jekk ma jsirx ħlas fi żmien tletin jum mid-data tan-notifika ta' dak l-avviż ta' talba, il-Kummissarju jista' jipproċedi biex jeżegwixxi għall-ħlas bis-saħħa tat-titolu eżekuttiv imsemmi fl-artikolu 40 wara jumejn min-notifika li ssir lid-debitur ta' talba għall-ħlas permezz ta' att ġudizzjarju.»*

*Fil-każ odjern, il-Kummissarju tat-Taxxi jikkontendi illi s-soċjetà Sensa Limited ġiet notifikata fit-8 ta' Novembru 2020, u għal dan il-għan, esibiet dokument, maħruġ minn Maltapost, b'mod elettroniku, illi juri t-tracking ta' dokument illi kellu Local Barcode RR409903318MT (fol 14).*

*Din hija l-unika prova ta' notifika tal-Avviż lis-soċjetà rikorrenti, peress illi rappreżentant tal-Maltapost plc, meta xehdet quddiem dina l-Qorti, saħqet illi, filwaqt illi huwa possibbli li tivverifika min kien iffirma għall-Avviż meta ġie mgħoddi fl-indirizz tas-soċjetà rikorrenti, il-Maltapost madankollu ma żżomm ebda record ta' tali firem wara sitt xhur, u dana in vista ta' company policy fuq id-Data Protection.*

*Din il-Qorti, ma tistax ma tosservax it-tħassib tagħha dwar il-fatt illi fil-każ ta' Avviżi "uffiċjali" maħruġa mill-Kummissarju tat-Taxxi abbażi ta' poter lilu mogħti mill-**Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa (Kap 372)**, kwalsiasi prova tanġibbli u fiżika ta' notifika ta' tali att jiġi distrutt wara illi jgħaddu sitt xhur minn meta tali att ikun ġie allegatament notifikat.*

*Dana qiegħed jingħad għax id-dokument, ossia 'Tracking Document' esibit mill-Kummissarju tat-Taxxi, b'ebda mod ma jista' jiġi meqjus bħala l-aħjar prova illi s-soċjetà rikorrenti kienet attwalment ġiet notifikata, u kien jispetta lill-Kummissarju tatTaxxi sabiex jassikura ruħu illi jżomm fil-pussess tiegħu prova ċara illi l-istess soċjetà rikorrenti ġiet debitament notifikata, liema prova kellha tkun id-dokument iffirmat minn min irċieva l-Avviż, firma illi s-soċjetà Maltapost plc ikollha fil-pussess tagħha iżda illi hija tiddisponi minnha wara sitt xhur, għal raġunijiet ta' Data Protection.*

*Il-Qorti tistqarr illi hija perplessa kif il-firma ta' min jirċievi l-att, illi hija l-aħjar prova ta' notifika ta' att illi, minnu nnifsu, jwassal għal Titolu Eżekuttiv lill-Kummissarju tat-Taxxi, liema Titolu eventwalment jiġi eżegwit permezz ta' Ittra Uffiċjali, ma jinżammx mill-Kummissarju tat-Taxxa, u tali nuqqas ma jistax jiġi rimedjat b'sempliċi rendikont elettroniku ta' moviment ta' "Bar Code", kif jidher illi qiegħed jikkontendi l-Kummissarju tat-Taxxi.*

*Għalhekk, għal dak illi jirrigwarda prova ta' Notifika tal-Avviż datat 25 ta' Ottubru 2018, il-Kummissarju tat-Taxxi naqas milli jressaq l-aħjar prova.*

*Madankollu, l-aħjar prova inġiebet lill-istess Kummissarju tat-Taxxi minn Wallace Fino, azzjonist u direttur ewlieni tas-soċjetà rikorrenti, meta fix-xhieda tiegħu tas-6 ta' Lulju 2023, kellu dan xi jgħid (fol 102-103):*

> *«**Dr John Refalo**:*
>
> *Issa fit-2018 irċevejt xi uffiċjali?*
>
> ***Ix-Xhud**:*
>
> *Le jien mill-memorja tiegħi … fl- '18?*
>
> ***Dr John Refalo**:*
>
> *Fl- '18 … fl- '18 …*
>
> ***Ix-Xhud:***
>
> *Ehe dik li hemm … Dik li hemm … li għadna kemm rajna issa.*
>
> ***Il-Qorti:***
>
> *Dik hija talba għall-ħlas 2018 dottore.*
>
> ***Dr John Refalo**:*
>
> *Talba għal ħlas.*
>
> ***Ix-Xhud**:*
>
> *Talba għal ħlas. Dik hija … dik hi rċevejtha*
>
> ***Dr John Refalo**:*
>
> *Dik irċevejtha.*
>
> ***Ix-Xhud**:*
>
> *Ehe.*
>
> ***Il-Qorti:***
>
> *Dak hu dokument a fol 5.»*

*Il-Qorti tosserva illi, sussegwentement, ix-xhud Wallace Fino pprova jreġġa' lura dak illi qal, fejn saħaq illi attwalment huwa kien qiegħed jirreferi għall-Ittra Uffiċċjali illi kienet mibgħuta fil-25 ta' Novembru 2020.*

*Madankollu, il-Qorti ma għandha ebda dubju illi, kif ikkonferma Wallace Fino stess, huwa kien attwalment irċieva l-Avviż mibgħut mill-Kummissarju*

*tat-Taxxi fil-25 ta' Ottubru 2018.*

*Għalhekk, għan-nuqqas tal-Kummissarju tat-Taxxi illi jressaq l-aħjar prova tan-notifika ta' tali Avviż, kien l-istess Wallace Fino illi ammetta illi kien irċeviha, minkejja illi sussegwentement ipprova jreġġa' lura tali ammissjoni wara li rrealizza l-konsegwenzi tar-risposta tiegħu.*

***Ikkunsidrat***

*Il-Qorti tosserva illi, ladarba ma għandha ebda dubju illi s-soċjetà rikorrenti kienet debitament notifikata bl-Avviż maħruġ a tenur tal-**Artikolu 44 (2A) (c) tal-Kap 372**, is-soċjetà rikorrenti kellha kull possibbiltà illi tikkontesta l-istejjem u l-konteġġi illi kien għamel il-Kummissarju tat-Taxxi qabel ma ħareġ l-Avviż tal-25 ta' Ottubru 2018 u għalhekk, ladarba is-soċjetà rikorrenti naqset milli teżerċita d-dritt lilha mogħti biex tikkontesta tali stejjem, ma tistax issa, wara li għadda ż-żmien ta' kontestazzjoni, tittenta li terġa' tikkontestahom mill-ġdid.*

*Is-soċjetà rikorrenti kellha kull opportunità illi tressaq il-kontestazzjonijiet tagħha, iżda naqset milli tagħmel dan. In vista ta' tali nuqqas, ċertament ma għandux ikun il-Kummissarju tat-Taxxi illi jerfa' r-responsabbiltà tagħha billi jiġi dikjarat li l-Avviż tal-25 ta' Ottubru 2018 għandu jiġi mħassar.»*

8. Il-kumpanija attriċi Sensa Limited appellat minn din is-sentenza fil-11 ta' April, 2024, bl-aggravju jkun li hija għadha fil-ħin illi tikkontesta l-ammonti mitluba mill-Kummissarju tat-Taxxi għaliex fit-8 ta' Novembru, 2018 hija ma kinitx ġiet notifikata bl-Avviż ta' Talba għall-Ħlas tal-25 ta' Ottubru, 2018. Issostni minflok li hija saret taf għall-ewwel darba b'dan l-Avviż meta kienet irċeviet l-ittra uffiċjali tal-25 ta' Novembru, 2020.

9. Il-Kummissarju konvenut wieġeb għal dan l-appell fl-20 ta' Mejju, 2024, u hemmhekk huwa ta r-raġunijiet tiegħu għalfejn jemmen li l-appell tal-kumpanija attriċi għandu jiġi miċħud.

10. Il-Qorti wara li rat l-atti kollha tal-proċeduri, tqis li m'hemmx il-ħtieġa

li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza tagħha b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

**Konsiderazzjonijiet:**

11. Il-qofol tal-appell li għandha quddiemha din il-Qorti huwa dwar jekk il-kumpanija attriċi ġietx notifikata bl-Avviż ta' Talba għall-Ħlas maħruġ fil-25 ta' Ottubru, 2018 mill-Kummissarju tat-Taxxi taħt l-**Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa**.

12. Iżda qabel ma' tgħaddi biex tistħarreġ il-mertu tal-appell, din il-Qorti tħoss li jkun xieraq li l-ewwel għandha tintepreta l-liġi li hija applikabbli għal dan il-każ.

13. Illi fiż-żmien rilevanti għal din il-kawża, l-**Artikolu 44(2A)(ċ) tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa** kien jgħid li għandu jiġi notifikat avviż lill-persuna li minnha hi dovuta xi taxxa, jekk il-Kummissarju tat-Taxxi jidhirlu li dik il-persuna naqset milli tħallas xi taxxa sad-data ta' meta din suppost kellha titħallas. Jekk ma jsirx dan il-ħlas fi żmien ħmistax-il jum (illum sar tletin jum bil-miġja tal-**Att VII tal-2019**) mid-data tan-notifika ta' dak l-avviż, allura l-Kummissarju jkun jista' jipproċedi biex jeżegwixxi għall-ħlas bis-saħħa tat-titolu eżekuttiv imsemmi fl-**Artikolu 40 tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa**, wara jumejn min-notifika li ssir lid-

debitur ta' talba għall-ħlas permezz ta' att ġudizzjarju.

14. In-notifika tal-att ġudizzjarju msemmija fl-**Artikolu 40 tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa** mhijiex meħtieġa biex il-Kummissarju tat-Taxxi jikseb titlu eżekuttiv fuq l-ammont mitlub minnu fl-Avviż ta' Talba għall-Ħlas. Dan għaliex it-titlu eżekuttiv jinkiseb mill-Kummissarju tat-Taxxi jekk kemm-il darba ma ssirx kontestazzjoni mid-debitur tat-taxxa fiż-żmien li tagħtih il-liġi jew inkella jekk il-kontestazzjoni ssir iżda din ma tirnexxix (ara ***Joseph Camenzuli v. Kummissarju tat-Taxxi Interni*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili *per* Imħallef Giannino Caruana Demajo fit-30 ta' April, 2009). Mod ieħor, in-notifika tal-att ġudizzjarju msemmija fl-**Artikolu 40 tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa** hija meħtieġa biss biex il-Kummissarju jkun jista jikseb il-ħruġ ta' mandati eżekuttivi (ara ***Joseph Gatt v. Kummissarju tat-Taxxi Interni*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Mejju, 2010).

15. Jekk wieħed l-ewwel ma jikkontestax l-Avviż ta' Talba għall-Ħlas skont l-**Artikolu 44(2A)(ċ) tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa**, kif imfisser fid-dispożizzjonijiet tat-**Taqsima VI tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa** u mbagħad jirċievi l-ittra uffiċjali skont l-**Artikolu 40 tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa**, allura dak li jkun ma jkunx jista' jinqeda b'rikors maħluf biex jattakka l-ammont ta' taxxa mitluba mill-Kummissarju tat-Taxxi għaliex l-istima tal-Kummissarju tkun saret finali u din tkun kisbet ukoll il-karattru ta' titlu eżekuttiv (ara

***Paul Vella v. Kummissarju tat-Taxxi Interni*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili *per* Imħallef Giannino Caruana Demajo fit-30 ta' April, 2009).

16. Hekk ukoll, id-debitur tat-taxxa li jkun irċieva l-Avviż ta' Talba għall-Ħlas u l-ittra uffiċjali, la jkun jista' jattakka l-ittra uffiċjali skont id-dispożizzjonijiet tal-**Artikolu 466 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** biex din iżżommha milli ssir titlu eżekuttiv għaliex il-pretensjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi tkun ġa kisbet is-saħħa ta' titlu eżekuttiv skont id-dispożizzjonijiet tal-**Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa**; u lanqas ma jkun jista' jattakka dik l-ittra uffiċjali skont l-**Artikolu 281 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** peress li dan l-artikolu huwa mfassal biex jattakka atti eżekuttivi bħalma huma l-mandati u mhux titli eżekuttivi li jkunu diġà miksuba (ara ***Carmlu Limited v. Kummissarju tat-Taxxi Interni*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili *per* Imħallef Joseph R. Micallef fl-20 ta' Ottubru, 2009).

17. Naturalment biex l-ammont ta' taxxa mitlub mill-Kummissarju tat-Taxxi jikseb il-karattru ta' titlu eżekuttiv hemm bżonn li d-debitur jiġi notifikat bl-Avviż ta' Talba għall-Ħlas skont l-**Artikolu 44(2A)(ċ) tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa**. Tassew sabiex il-Kummissarju tat-Taxxi jkun jista' jmexxi bi proċeduri eżekuttivi kontra debitur taħt l-**Artikolu 40 tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa**, irid jirriżulta li d-debitur ikun irċieva l-istima tat-taxxa u l-avviż relattiv biex ikollu l-possibbiltà li jikkontestahom.

18. Fil-każ tal-lum jirriżulta li fil-25 ta' Ottubru, 2018, il-Kummissarju tat-Taxxi ħareġ Avviż Ta' Talba Għall-Ħlas kontra Sensa Limited f'indirizz ġewwa tas-Sliema (ara paġna 5 tal-atti tal-kawża). F'dan l-Avviż, il-Kummissarju tat-Taxxi għarraf lil Sensa Limited li hija midjuna miegħu fl-ammont sħiħ ta' €35,849. Wissieha wkoll li hija kellha ħmistax-il jum sabiex tħallas dan l-ammont, b'dana li jekk hija ma tħallasx dan l-ammont jew ma tikkontestax dan l-ammont fi qrati tal-ġustizzja, allura kienet se tinħareġ ittra uffiċjali kontriha skont il-liġi.

19. Il-Kummissarju appellat saħaq li dan l-Avviż ġie notifikat lill-kumpanija appellanti bil-posta skont dokument ta' *track and trace* maħruġ mill-Maltapost plc (ara paġni 14 u 15 tal-atti tal-kawża). Minn dan id-dokument jirriżulta li l-Avviż ġie mpustat mal-Maltapost plc fis-7 ta' Novembru, 2018 u dan wasal fid-destinazzjoni tiegħu ġewwa Tas-Sliema l-għada fit-8 ta' Novembru, 2018.

20. Mill-banda l-oħra l-kumpanija appellanti ċaħdet li hija kienet qatt irċeviet dan l-Avviż fit-8 ta' Novembru, 2018 u sostniet li hija kienet irċeviet dan l-Avviż meta waslitilha l-ittra uffiċjali tal-25 ta' Novembru, 2020.

21. L-Ewwel Qorti dehrilha li sempliċi rendikont elettroniku ta' moviment ta' *Bar Code* maħruġ mill-Maltapost plc mhuwiex l-aħjar prova li juri li Sensa Limited kienet tabilħaqq notifikata fit-8 ta' Novembru, 2018

bl-Avviż Ta' Talba Għall-Ħlas. Minkejja dan però, l-Ewwel Qorti xorta waħda sabet li Sensa Limited kienet notifikata b'dan l-Avviż għaliex qalet li tali notifika fl-2018 ġiet ikkonfermata waqt ix-xhieda ta' Wallace Fino, rappreżentant tal-kumpanija attriċi, fis-seduta tas-6 ta' Lulju, 2022. B'hekk, l-Ewwel Qorti kkonkludiet li l-kumpanija attriċi ma tistax tinqeda b'din il-kawża biex tattakka l-ammont mitlub mill-Kummissarju appellat. Ladarba hija ma kkontestatx dan l-Avviż fi żmien ħmistax-il jum kif trid il-liġi, allura l-kreditu tal-Kummissarju tat-Taxxi sar titlu eżekuttiv.

22. Il-kumpanija attriċi iżda ma taqbilx ma' din il-konklużjoni milħuqa mill-Ewwel Qorti.

23. Fl-**aggravju** tagħha hija tisħaq li mhux veru li kienet irċeviet l-Avviż Ta' Talba Għall-Ħlas fit-8 ta' Novembru, 2018. Għalhekk issostni li meta rċeviet l-ittra uffiċjali tal-25 ta' Novembru, 2020, il-kreditu mitlub mill-Kummissarju tat-Taxxi kien għadu ma sarx titlu eżekuttiv. Ittenni li ma nġabitx prova li xi rappreżentant tagħha kien iffirma li kien qiegħed jirċievi l-Avviż Ta' Talba Għall-Ħlas.

24. Iżżid ukoll li l-Ewwel Qorti naqset milli tqis ix-xhieda kollha ta' Wallace Fino għaliex tgħid li aktar tard waqt ix-xhieda tiegħu, dan kien għamilha ċara li huwa qatt ma rċieva l-Avviż fl-2018. Tispjega li Wallace Fino kellu kull interess li jikkontesta t-talbiet tal-Kummissarju appellat u fil-fatt meta rċieva l-ittra uffiċjali, dan mill-ewwel għamel kuntatt mal-

kontabbli tiegħu Christian Vella.

25. Il-kumpanija attriċi targumenta li l-prova tan-notifika tal-Avviż taqa' fuq il-Kummissarju konvenut li jrid jeżegwixxi t-titlu eżekuttiv u billi skontha din il-prova ma saritx, allura l-eċċezzjonijiet tal-Kummissarju ma kellhomx jiġu milqugħa. Ittemm l-aggravju tagħha billi tgħid li ladarba l-Avviż ma ġiex notifikat lilha, allura mhux biss ma hemmx titlu eżekuttiv iżda lanqas il-preskrizzjoni ma ġiet miksura.

26. Il-Qorti tqis li dan l-appell tal-kumpanija appellanti bħala wieħed mhux mistħoqq.

27. Ibda biex, meta wieħed iqis ix-xhieda kollha ta' Wallace Fino mogħtija minnu fis-6 ta' Lulju, 2022, din il-Qorti tqis li kien għalkollox raġonevoli u fi ħdan id-diskrezzjoni prudenti tal-Ewwel Qorti, li din tagħżel li toqgħod aktar fuq il-verżjoni oriġinali tiegħu, meta dan stqarr minn jeddu li huwa kien irċieva l-Avviż fl-2018, milli toqgħod fuq it-tieni verżjoni tiegħu mogħtija ftit tal-ħin wara, meta fuq ripetizzjoni tal-istess mistoqsija magħmula mill-avukat tiegħu, din id-darba wieġeb b'mod differenti u qal li huwa ma kienx irċieva l-Avviż fl-2018.

28. Wara kollox, kif ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Victor Borg Barthet v. Carnik Construction Limited*** deċiża fit-13 ta' Ottubru, 2008, huwa magħruf illi l-imġiba ta' xhud waqt li huwa jkun qiegħed jixhed,

jista' jagħti ħjiel tajjeb ħafna lill-ġudikant attent u tal-esperjenza dwar il-verità jew le ta' dak li l-istess xhud ikun qiegħed jgħid. Dan l-aspett diffiċilment jista' jiġi rifless fit-traskrizzjoni tax-xhieda iżda ġudikant ta' esperjenza, li jkun qiegħed jisma' xhud, ġeneralment ikun għassa għall-*body language* tax-xhud, bħal eżitazzjonijiet fil-vuċi tiegħu, l-espressjoni ta' għajnejh u movimenti li jkun qiegħed jagħmel waqt li jixhed u ċirkostanzi oħra li ma ssibhomx fit-traskrizzjoni tax-xhieda, liema indikazzjonijiet jgħinu ħafna lill-ġudikant biex jasal għad-deċiżjoni tiegħu dwar il-verità jew le ta' dik ix-xhieda (ara wkoll ***Emanuel Cordina v. Paul Vella*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Frar, 2024).

29. F'kull każ din il-Qorti tqis li l-każ tal-kumpanija appellanti jfalli lil hemm mill-mod ta' kif xehed Wallace Fino fis-seduta tas-6 ta' Lulju, 2020.

30. Din il-Qorti tifhem li jekk inhuwa veru li l-kumpanija appellanti ma ġietx notifikata bl-Avviż Ta' Talba Għall-Ħlas, qabel ma rċeviet l-ittra uffiċjali tal-Kummissarju appellat tal-25 ta' Novembru, 2020 sabiex dan ikun jista' jeżegwixxi t-titlu eżekuttiv tiegħu skont l-**Artikolu 40 tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa**, allura l-kumpanija appellanti kienet taqbad u tgħid b'mod ċar fir-rikors maħluf li hija kienet qiegħda tikkontesta t-titlu eżekuttiv allegat mill-Kummissarju fuq ir-raġuni li hija ma kinitx notifikata bl-Avviż Ta' Talba Għall-Ħlas skont l-**Artikolu 44(2A)(ċ) tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa**.

31. Xejn minn dan iżda ma ngħad mill-kumpanija appellanti fir-rikors maħluf tagħha. Għalhekk il-fatt li l-kumpanija attriċi ma semmiet xejn fir-rikors maħluf tagħha dwar in-nuqqas ta' notifika tal-Avviż Ta' Talba Għall-Ħlas skont l-**Artikolu 44(2A)(ċ) tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa**, jagħti lil din il-Qorti x'tifhem li hija kienet taf b'dan l-Avviż u ma semmiet xejn dwar in-nuqqas ta' notifika biex kif jgħid il-Malti tipprova tilgħabha tal-iblah biex ma tħallasx dwana.

32. Imma anke kieku stess, din il-Qorti tqis li s-soluzzjoni kollha għal din it-tilwima tinsab kollha kemm hi fl-**Artikolu 29(1) tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa**, li ma ġiex imsemmi mill-Ewwel Qorti. Dan l-artikolu tal-liġi li jirregola l-mod ta' kif avviżi għandhom jiġu notifikati, jaqra hekk:

> *«29. (1) Avviż jista' jkun notifikat lil persuna sew personalment jew permezz ta' mezzi elettroniċi fl-indirizz elettroniku verifikat tiegħu jew billi jintbagħat bil-posta fl-indirizz tagħha l-aħħar magħruf tan-negozju jew privat, u għandu, fl-aħħar każ, ħlief jekk jiġi ppruvat il-kuntrarju, jitqies li kien ġie notifikat, fil-każ ta'persuni residenti f'Malta, mhux aktar tard mit-tielet jum wara l-jum tal-impustar, u fil-każ ta' persuni mhux hekk residenti, il-jum ta' wara l-jum li fih l-avviż kien ikun missu s-soltu wasal bil-posta, u fil-prova ta' dik in-notifika jkun biżżejjed li wieħed jipprova illi l-ittra li kien fiha l-avviż kienet ġiet indirizzata u mpustata kif jixraq:*
>
> *Iżda meta dik in-notifika ma sseħħx minħabba li t-taxpayer ma jkunx jista' jinsab jew minħabba raġunijiet oħra attribwibbli lilu u l-Kummissarju jippubblika avviż fil-Gazzetta u f'xi ġurnal wieħed jew iktar ta' kuljum fejn jiddikjara li dak l-avviż ikun sar u li fih jistieden lit-taxpayer biex imur jiġbru mid-Dipartiment, dik in-notifika għandha wkoll titqies li tkun ġiet debitament notifikata.»*

33. Kif jidher minn qari ta' din id-dispożizzjoni, il-liġi ma titlobx li l-Avviż

għandu jasal f'idejn ir-rappreżentant ta' min irid iħallas it-taxxa. Il-liġi tgħid ċar u tond li biex ikun hemm prova tan-notifika għandu jkun biżżejjed li wieħed jipprova illi l-ittra li kien fiha l-avviż kienet ġiet indirizzata u impustata kif jixraq. Iż-żewġ kriterji għalhekk li titlob il-liġi huma li l-avviż jkun fih indirizz tajjeb u li l-avviż ikun ġie impustat f'dak l-indirizz.

34. Rilevanti li fis-sentenza ***Dione Bartolo v. Direttur Ġenerali Tat-Taxxi Interni et*** deċiża fil-25 ta' Ġunju, 2019, il-Qorti tal-Appell tenniet li l-liġi ma teħtieġx li n-notifika tal-avviż għandha tiġi mwettqa bil-posta reġistrata.

35. M'hemmx dubju li dan l-artikolu mhuwiex qiegħed jirreferi għall-posta reġistrata, ġaladarba l-**Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa** fi provvedimenti oħra tal-liġi jitlob espressament li l-posta tkun reġistrata (ara l-**Artikoli 33(1), 37(5)** u **47(3)** tal-**Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa**). Jiġi b'hekk li d-dispożizzjonijiet tal-liġi fl-**Artikolu 29(1) tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa** qegħdin jirreferu għall-posta ordinarja u mhux reġistrata (ara ***Emanuel sive Noel Palmier et v. Direttur Ġenerali tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Jannar, 2022 li għalkemm ingħatat fil-kuntest tal-**Att dwar Taxxa Fuq il-Valur Miżjud** tgħodd ukoll għall-**Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa**).

36. Imħaddem l-**Artikolu 29(1) tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-**

**Taxxa** għall-każ tagħna jirriżulta li l-kumpanija appellanti mhijiex qiegħda tallega illi l-Avviż ta' Talba għall-Ħlas maħruġ fil-25 ta' Ottubru, 2018 ġie indirizzat f'post ħażin. Fil-fatt hija mkien ma tgħid li l-indirizz tagħha mhuwiex dak li hemm imsemmi fl-Avviż. L-ewwel kriterju ta' tismija ta' indirizz tajjeb ġie sodisfatt.

37. Dwar it-tieni kriterju, *viz*. il-prova tal-impustar, din il-Qorti tqis li kontra dak imtenni mill-Ewwel Qorti, ir-rendikont elettroniku tal-moviment tal-posta maħruġ mill-Maltapost plc għandu jitqies bħala prova biżżejjed fejjieda li turi li l-Kummissarju tat-Taxxi imposta l-avviż kif trid il-liġi. Fil-fatt dan ir-rendikont juri li l-avviż ġie mnewwel lil Maltapost plc fis-7 ta' Novembru, 2018 u wasal fl-indirizz tal-kumpanija appellanti ġewwa tas-Sliema fit-8 ta' Novembru, 2018. Għall-għanijiet tal-**Artikolu 29(1) tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa** ma hemmx bżonn li jintwera min irċieva l-Avviż għaliex dak li huwa meħtieġ huwa biss li l-Avviż jiġi impustat fl-indirizz tat-*taxpayer*.

38. Darba li teżisti l-prova li l-Avviż ġie impustat fl-indirizz provdut, allura kien jaqa' fuq il-kumpanija appellanti li tmeri li dan ma kienx minnu. Wara kollox, tali prova ta' impustar li toħroġ mir-rendikont tal-Maltapost plc hija waħda li tista' tingħeleb bi provi kuntrarji. Din il-prova kuntrarja iżda ma tistax tinbena fuq ix-xhieda kunfliġġenti ta' Wallace Fino.

39. Tħares minn fejn tħares għalhekk l-aggravju tal-kumpanija

appellanti li hija għandha jedd tkompli b'din il-kawża għaliex ma ġietx notifikata bl-Avviż ta' Talba għall-Ħlas maħruġ fil-25 ta' Ottubru, 2018 ma jistax jintlaqa'.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **tiċħad** l-appell tal-kumpanija attriċi, bl-ispejjeż kollha kontra tagħha. Is-sentenza appellata għalhekk sa fejn ġew miċħuda t-talbiet kollha tal-kumpanija attriċi qiegħda titħalla kif inhi.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da